A.L. 94 tal-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9, 10 u 11 tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, u l-artikolu 60 tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 311 tal-2006.

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) L-Awtorità Kompetenti jew persuni li jmexxu siti kif awtorizzati mill-Awtorità Kompetenti u, jew li jkollhom ftehim ta' tmexxija skond ir-regolamenti 15 u 16 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom ukoll iwaħħlu tabella informattiva f'kull sit dikjarat bħala SAC jew SPA sabiex jipprovdu informazzjoni ġenerali fuq is-sit. Din it-tabella għandha titwaħħal fuq is-sit sat-30 ta' Novembru, 2015.".